# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMHALLFIN**

**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(Agent President)**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 16 ta' Ottubru 2017**

**Numru 1**

**Rikors numru 56/14 SM**

**Mark Charles Kenneth Stephens**

**v.**

**Avukat Generali**

<u>Preliminari</u>

1. Dawn huma zewg appelli, wiehed tal-konvenut u l-iehor tal-attur, minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija fit-30 ta' Gunju 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kompetenza kostituzzjonali taghha li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet billi sabet ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Funda-mentali [il-Konvenzjoni] b'referenza ghad-diskrezzjoni tal-konvenut fl-

ghazla tal-qorti li quddiemha jinstema' l-kaz tieghu u b'referenza wkoll ghad-detenzjoni domiciljari imposta fuq l-attur u[1], bhala rimedju ghal dawn il-lezjonijiet ordnat li l-konvenut ihallas lill-attur kumpens fl-ammont ta' €1,000 ghal kull wahda miz-zewg lezjonijiet; finalment, ordnat li l-ispejjez gudizzjarji jinqasmu b'mod ugwali bejn il-partiiet.

Fatti

2. In succint jinghad illi permezz tal-Att ta' Akkuza numru 6 tas-sena 2006, l-attur gie akkuzat bi traffikar u assocjazzjoni ma' terzi f'Malta jew barra minn Malta sabiex ibigh jew jittraffika d-droga f'Malta bi ksur tal-provvedimenti tal-Kap. 31 u l-Kap.101 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Permezz ta' sentenza moghtija fil-5 ta' Novembru 2008, il-Qorti Kriminali sabitu hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu, liema sentenza giet sussegwentement ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Gunju 2010.

4. Fil-proceduri tallum, l-attur qed jallega li gew lezi d-drittijiet tieghu

---

1 Aktar 'il quddiem fid-decide il-para 81.5 jaqra hekk: *"Tiddikjara ghalhekk li f' dan l-ambitu fuq indikat kien hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea de quo u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta"* Jigi rilevat ukoll li l-ewwel talba tar-rikorrent dedotta fir-rikors promotur, minbarra l-Artikolu 7, tirrigwarda wkol l-Artikoli numru 5, 6 u 14 tal-Konvenzjoni, u dan apparti mill-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.

ghal smigh xieraq ai termini tal-Artikoli 5, 6, 7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u konsegwentement talab li l-Qorti takkordalu rimedji effettivi u xierqa, inkluz dak ta' thassir tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fuq imsemmija.

Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "11.1. Illi skont l-Att tal-Akkuza relattiva jirrizulta li fl-2003 ir-rikorrenti, flimkien ma' ohrajn, kien regolarment jibghat droga minn Spanja lejn Malta, (ara foll 35);
>
> "11.2. Illi d-drogi li kien hekk jittraffika lejn Malta kienu jinkludu r-resina tal-kannabis, il-kokaina u pilloli tal-*ecstasy*, (ara foll 35);
>
> "11.3. Illi konsolidat dan, fl-2005 kien eventwalment arrestat fi Spanja u estradit lejn Malta biex jiffaccja d-dovuti proceduri rigwardanti l-assocjazzjoni tieghi ma' ohrajn biex ibiegh u jittraffika d-droga f'Malta, (ara foll 35, 73 u 280);
>
> "11.4. Illi effettivament fl-10 ta' Settembru, 2005, ir-rikorrenti kien tressaq biex iwiegeb ghall-istess akkuzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati, (Qorti Istruttorja), wara l-ordni appozitu rilaxxat fir-rigward mill-intimat, (ara foll 88);
>
> "11.5. Illi sussegwentement l-istess rikorrenti kien akkuzat bl-istess assocjazzjoni u traffikar ta' droga f'Malta quddiem il-Qorti Kriminali, u dan, permezz tal-Att t'Akkuza Numru 06/2006, datat is-17 t'April, 2006, (ara foll 35);
>
> "11.6. Illi s-sentenza tal-Qorti Kriminali kienet ippronunzjata fil-5 ta' Novembru, 2008, wara li verdet ta' htija ta' sebgha (7) kontra tnejn (2), kien ippronunzjat fil-konfront tar-rikorrenti, (ara foll 91 u foll 2, flimkien mal-paragrafu numru wiehed punt hamsa, (1.5.), aktar qabel);

"11.7. Illi konsegwenza tal-istess ir-rikorrenti kien ikkundannat ghal piena ta': (ara foll 95 u 96)

"11.7.1. Hamsa u ghoxrin (25) sena prigunerija li minnha jitnaqqsu biss dawk il-perjodi li fihom kien mizmum taht kustodja preventiva fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin u dan, fil-konfront tal-kospirazzjoni riskontrata, flimkien mal-perjodu bejn l-arrest tar-rikorrenti fi Spanja minn fejn kien estradit, fil-5 t'Awwissu, 2004, sal-estradizzjoni tieghu lejn Malta fid-9 ta' Settembru, 2005, bl-eccezzjoni zghira bejn it-23 ta' Novembru, 2004 sal-1 ta' Dicembru, 2004;

"11.7.2. Multa ta' sittin elf Ewro, (€60,000.00);

"11.7.3. Illi l-multa indikata fis-sotto-paragrafu precedenti tkun awtomatikament konvertita fi prigunerija ta' tmintax il-xahar jekk ma tkunx imhallsa fi zmien hmistax (15) il-gurnata mid-data tal-istess sentenza;

"11.7.4. Illi jhallas ukoll l-ispejjez gudizzjari involuti, ammontanti ghal elf hames mija u erbatax il-Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€1,514.85), u dan, fi zmien hmistax (15) il-gurnata mid-data tal-istess sentenza;

"11.7.5. Illi ordnat ukoll il-konfiska tal-flus, mobbli u mmobbli appartenenti lir-rikorrenti odjern, favur il-Gvern ta' Malta;

"11.7.6. Illi finalment ordnat ukol id-distruzzjoni tad-droga kollha esebita kif hemm espressament indikat sa kemm ma tkunx mehtiega l-preservazzjoni taghha ghall-finijiet hemm indikati, (ara foll 96);

"11.8. Illi permezz tas-sentenza taghha datata l-24 ta' Gunju, 2010, u ghar-ragunijiet hemm premessi, il-Qorti tal-Appell Kriminali ddecidiet fir-rigward bil-mod segwenti: (ara foll 114 *et sequitur*)

"11.8.1. Illi rriformat is-sentenza tal-Qorti Kriminali fuq riferita, (ara paragrafu numru hdax punt sitta, (11.6.) aktar qabel billi: (ara foll 146)

"11.8.1.i. Irrevokat il-kundanna tal-hlas tal-ispejjez gudizzjarji, (ara paragrafu numru hdax punt sebgha punt erbgha, (11.7.4.), aktar qabel);

"11.8.1.ii. Illi minflok ikkundannat lir-rikorrenti odjern ihallas l-ispejjez rigwardanti l-esperti nominati *in atti*, u dan, fl-ammont ta' tlett

mija u erbgha u tletin Ewro u hamsa u tmenin centezmu, (€334.85);

“11.8.1.iii. Illi mill-bqija, s-sentenza tal-Qorti Kriminali kienet ikkonfermata;

“11.8.1.iv. Illi irriformat ukoll it-termini tal-pagament tal-multi imposti; tal-ispejjez dikjarati; u tal-Avukat Generali biex jippreserva d-droga involuta ghall-kazijiet ohra; liema termini kellhom allura jibdew jiddekorru mid-data tal-istess sentenza tal-appell;

“Ikkunsidrat:

“12. Illi dawn il-proceduri gew intavolati mir-rikorrenti ghaliex qieghed jallega ksur tad-drittijiet fundamentali tieghu fit-termini tal-artikli 5,6,7 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea in dizamina u tal-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

“13.0. Illi bhala rimedju ghall-allegat ksur ta' drittijiet indikati fil-paragrafu precedenti qieghed sintetikament jippretendi s-segwenti:

“13.1. L-annullament tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell, datata l-20 ta' Gunju, 2010, (ara paragrafi numru hdax punt sitta, (11.6.), u hdax punt sebgha, (11.7.), aktar qabel);

“13.2. Flimkien ma kwalunkwe rimedju iehor li din il-qorti jidhrilha xieraq, (ara paragrafu numru erbgha punt tnejn, (4.2.), aktar qabel, u foll 10);

“Ikkunsidrat:

“14.0. Illi min-naha tieghu l-intimat sintetikament jirribatti s-segwenti: (ara foll 18)

“14.1. Illi l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti huma infondati;

“14.2. Illi m'hemm l-ebda ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif minnhu allegat;

“Ikkunsidrat:

“15. Illi jigi rilevat li wara l-ewwel eccezzjoni tal-intimat li kellhom jigu annessi l-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tar-rikorrenti quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali konkluzi bis-sentenza tal-istess datata l-24 ta' Gunju, 2010, dawn l-atti gew sussegwentementipprezentati fil-procedura odjerna, (ara foll 32 *et sequitur*);

“16. Illi konsegwenza tal-istess, din l-eccezzjoni preliminari qeghda ghalhekk titqies sorvolata u m’hemm xejn aktar x’jinghad fir-rigward;

“Ikkunsidrat:

“17. Illi f’dan l-istadju hu ghaqli li ghall-ahjar kjarezza fir-risoluzzjoni tal-kaz in dizamina jigu issa indirizzati l-ilmenti tar-rikorrenti bil-mod kronologiku minnu stess stabbilit, (ara paragrafu numru tnejn punt zero, (2.0.), aktar qabel);

“Ikkunsidrat:

“18.0. **A. Ir-Retroattivita` rigwardanti l-Piena**:

“18.1. Illi l-ilment in dizamina jindirizza l-artiklu 6 u 7 tal-Konvenzjoni *de quo* u l-artiklu 39(8) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta;

“18.2. Illi l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni hawn riferita jistabblixxi s-segwenti:

“(1) Hadd m’ghandu jitqies li jkun hati ta’ reat kriminali minhabba xi att jew ommissjoni li ma kienux jikkostitwixxu reat kriminali skont il-ligi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar”;

“18.3. Illi kif ritenut mill-***Qorti Kostituzzjonali*** fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Lawrence Cuschieri*** datata t-***8 ta’ Frar***, (mhux Jannar kif indikata a foll 303), ***1992***:

“... garanzija kostituzzjonali ... tipprotegi li persuna ma tinstabx hatja in forza ta’ disposizzjoni retroattiva tal-ligi ... dawn l-artikli jinstabilixxu illi huwa dritt fundamentali li ebda ligi li tohloq reat jew piena ma jista` jkollha effett retroattiv. Ir-retroattivita` hija eskluza b’mod assolut inkwantu hija anti-kostituzzjonali u tikser drittijiet fundamentali”;

“18.4. Illi *di piu`* il-***Qorti Ewropea***, fil-kaz fl-ismijiet ***Kokkinakis vs. Greece***, deciz fil-***25 ta’ Mejju, 1993***, sostniet is-segwenti fir-rigward:

“... Article 7 para. 1 ... of the Convention is not confined to prohibiting the retrospective application of the criminal law to an accused’s disadvantage. It also embodies, more generally, the principle that only law can define a crime and prescribe a penalty, (*nullum crimen, nulla poena, sine lege*), and the principle that the criminal law must not be extensively construed to an accused’s

detriment, for instance by analogy; it follows from this that an offence must be clearly defined in law. This condition is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the court's interpretation of it, what acts and omissions will make him liable";

"Ikkunsidrat:

"19. Illi r-rikorrenti jsostni li fi zmien ir-reat li kien rinfaccjat bih, liema reat imur lura ghall-2003, il-posizzjoni legali kienet li x-xhieda wahedha ta' komplici ma kienitx bizzejjed biex takkolla responsabbilita` kriminali fil-konfront ta' akkuzat;

"20. Illi l-istess rikorrenti jsostni li l-ligi fir-rigward sussegwentement inbidlet fl-2006 meta x-xhieda ta' komplici wahedha saret sufficjenti biex tikkonsolida htija fil-konfront ta' imputat jew akkuzat;

"21. Illi fl-essenzjalita` tieghu l-ilment tar-rikorrenti jikkonsisti fil-fatt li fil-konfront tieghu l-unika prova li l-prosekuzzjoni kellha biex tikkonsolida l-akkuzi kontra tieghu kienet ix-xhieda tal-komplici;

"22. Illi ghalhekk ir-rikorrenti jsostni li l-emenda tal-2006 giet applikata retroattivament ghall-fattispeci tal-kaz tieghu;

"23. Illi b'hekk l-istess emenda incidiet b'mod sostantiv u determinant fuq l-ezitu finali tal-proceduri kondotti fil-konfront tieghu;

"24. Illi kien ghalhekk li fil-guri celbrat kontra tieghu gie ritornat verdett ta' htija kontra tieghu;

"Ikkunsidrat:

"25. Illi r-rikorrenti jsostni li l-emenda in dizamina, ghalkemm hi wahda procedurali, hi wkoll emenda li ghandha wkoll reperkussjonijiet sostantivi *stante* li minn sentenza ta' liberazzjoni l-konkluzjoni tal-procedura mehuda kontra tieghu – minflok wasslet ghal sejbien u dikjarazzjoni ta' htija – bil-konsegwenzi kollha naxxenti mill-istess;

"Ikkunsidrat:

"26. Illi min-naha tieghu l-intimat minflok isosstni li dak allegat mir-rikorrenti fir-rigward tal-korraborazzjoni mhux minnu;

"27. Illi in effetti meta gew kommessi r-reati addebitati lir-rikorrenti u li fuqhom kien eventwalment ipprocessat, il-prosekuzzjoni xorta wahda kellha l-oneru li tipprova li x-xhieda tal-komplici kellha tkun

ikkorraborata biex tkun validament ikkonsidrata;

"Ikkunsidrat:

"28. Illi fir-rigward tan-necessita` tal-korraborazzjoni tax-xhieda l-artiklu 639(3) tal-Kodici Kriminali jistabbilixxi s-segwenti:

"Meta l-uniku xhud kontra l-akkuzat dwar xi reat fi process li jinstema` quddiem il-gurati tkun persuna komplici, l-Qorti ghandha taghti direttiva lill-gurati biex jiznu x-xhieda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkuzat";

"Ikkunsidrat:

"29. Illi in oltre, f'dan ir-rigward, rikors ghall-artiklu 30 tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta hu issa necessarju *stante* li dan l-artiklu partikolari jistabbilixxi eccezzjoni ghar-regola indikata fil-paragrafu precedenti;

"30. Illi l-artiklu 30 tal-Kap 101 jistabbilixxi s-segwenti:

"Minkejja d-disposizzjonijiet tal-artiklu 639(3) tal-Kodici Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort' ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, x-xhieda ta' dik il-persuna fi proceديment kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra";

"Ikkunsidrat:

"31.0. Illi ghandu jkun pacifiku li s-suggett tal-artikli in dizamina:

"31.1. La joholqu reat gdid; u

"31.2. Lanqas joholqu piena gdida;

"32. Illi l-limitu tal-artiklu 639(3) tal-Kap 9 fuq riferit jistabbilixxi normi direzzjonali lill-gudikat li jkun qieghed jippresiedi l-guri biex dan ikun jinkombi fuqu li jidderiegi lill-gurati biex qabel ma jistriehu fuq xi xhieda u jistabbilixxu l-htija, huma ghandhom l-ewwel jevalwaw u jivvalutaw ix-xhieda moghtija b'***kawtela***;

"Ikkunsidraw:

"33. Illi ghandu wkoll jigi ribadit li l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni in dizamina jikkoncernaw il-ligi kriminali sostantiva u huma intizi biex il-ligi kriminali ma tigix estiza biex

tikkriminalizza atti jew omissjonijiet li precedentement ma kienux illegali fiz-zmien li sehhew l-istess atti jew omissjonijiet, jew li tizdied il-piena retroattivament;

"34. Illi *di piu`*, tenut kont tas-suespost, l-emendi introdotti fl-artiklu 639 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ma jmorrux kontra l-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u kontra l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni in dizamina kif jallega r-rikorrenti;

"35. Illi fid-dawl tal-istess, ghandu jkun pacifiku wkoll li ma jirrizulta l-ebda ksur tal-artiklu 6 tal-istess Konvenzjoni in dizamina;

"Ikkunsidrat:

"36.0. **B. Id-Diskrezzjoni tal-Avukat General**:

"36.1. Illi id-diskrezzjoni tirrigwarda l-fakulta` li l-intimat ghandu fil-kawzi rigwardanti l-ksur tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta li jaghzel jekk l-akkuzat jigix gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew minflok, taht Att ta' Akkuza fi procedura b'guri quddiem il-Qorti Kriminali;

"36.2. Illi f'dan ir-rigward ghandu jinghad li meta din id-diskrezzjoni partikolari tal-intimat giet analizzata mill-ambitu kostituzzjonali u konvenzjonali bhal m'hu qieghed isir fil-kaz odjern, il-kazistika fir-rigward ikkonsolidat il-konkluzjoni li l-artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea gie effettivament vjolat;

"36.3. Illi sintetikament il-kazistika fir-rigward hi s-segwenti:

"36.3.1. ***Camilleri vs. Malta***: ***Qorti Ewropea***, datata t-***22 ta' Jannar, 2013***;

"36.3.2. ***Camilleri vs. Avukat Generali***, ***Qorti Civili Prim' Awla***, datata d-***9 ta' Lulju, 2013***;

"36.3.3. ***Lebrun vs. Avukat Generali***: ***Qorti Civili Prim' Awla***, datata l-**21 ta' Frar, 2014**;

36.3.4. ***Dimech vs. Avukat Generali***: ***Qorti Civili Prim' Awla***, ***21 ta' Frar, 2014***;

"36.3.5. ***Repubblika ta' Malta vs. Matthew Zarb***: ***Qorti Civili Prim' Awla,*** datata s-***7 ta' Marzu, 2014***;

"36.3.6. ***Repubblika ta' Malta vs. Giovanna Pace et***: ***Qorti***

***Civili Prim' Awla***, datata t-***28 ta' Marzu, 2014***;

"36.3.7. ***The Republic of Malta vs. Patrick Ndubisi Ndah***: ***Qorti Civili Prim' Awla***, datata t-***8 ta' Mejju, 2014***;

"36.3.8. ***Jean Pierre Abdilla vs. Avukat Generali***: ***Qorti Civili Prim' Awla***, datata l-***24 ta' Gunju, 2015***;

"36.4. Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha indikati fil-kazistika precitata jirrizulta assodat is-segwenti:

"36.4.1. Illi fl-ghazla tieghu biex jiddeciedi quddiem liema qorti kellu jigi indirizzat ir-rikorrenti l-intimat effettivament ma jirrizultax li kellu l-ebda kriterji jew rekwiziti, oggettivament definiti u transparenti, biex jiddeciedi quddiem liema qorti kellu jindirizzah;

"36.4.2. Illi ghandu jkun pacifiku li tali ordni mhix wahda motivata bi trasparenza;

"36.4.3. Illi konsegwentement sal-mument meta r-rikorrenti gie infurmat bid-decizjoni tal-intimat fir-rigward, la kien u lanqas qatt seta' jkun, infurmat bir-ragunijiet li wasslu lill-intimat biex jiddeciedi f'liema wahda mill-qrati fuq indikati kellu jigi ggudikat, (ara paragrafu sitta u tletin punt wiehed, (36.1.), aktar qabel);

"36.4.4. Illi tali decizjoni tal-intimat mhix wahda purament procedurali *stante* li awtomatikament kif tigi deciza din l-ghazla tieghu, r-rikorrenti jkun immedjatament indirizzat ghal liema piena karcerarja jkun qieghed issa jirrinfacca rizultat tal-istess;

"36.4.5. Illi f'dan ir-rigward il-piena minima hekk attirata hi stabbilita bil-mod segwenti:

"36.4.5.i.***Quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali***: hi attirata l-piena minima ta' sitt (6) xhur prigunerija, (ara artiklu 22 2(b)(i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

"36.4.5.ii.***Quddiem il-Qorti Kriminali***: hi attirata l-piena minima ta' erba` (4) snin prigunerija, (ara artiklu 22 2(a)(i) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta);

"36.4.6. Illi kif jissottolinea l-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti (ara foll 289), meta jikkwota s-sentenza tal-Qorti Ewropea in dizamina fl-ismijiet ***Mark James Taylor vs. United Kingdom*** datata t-***3 ta' Dicembru, 2002***:

"... it has had occasion to stress in the context of its judgements under Article 7 that only the law can define a crime and prescribe a penalty, (*nullum crimen, nulla poena sine lege*), from which it follows that an offence must be clearly defined in law. This condition is satisfied where the individual can know from the wording of the relevant provision, if need be with the assistance of the domestic courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him liable and, it would add for the purposes of the instant case, what penalties can be imposed, (see ***Kokkinakis vs. Greece judgement of 25th May, 1993 ... Streletz, Kesller and Kreuz vs. Germany ... nos. 34044/96, 35532/97 and 44801/98, ECHR 2001 – II, {} 50)***";

"36.4.7. Illi fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Camilleri vs. Malta*** datata t-***22 ta' Jannar, 2013***, l-istess ***Qorti Ewropea*** fuq riferita issottolineat is-segwenti:

"The issue before the Court is whether the principle that only the law can define a crime and prescribe a penalty was observed. The Court must, in particular, ascertain whether in the present case the text of the law was sufficiently clear and satisfied the requirements of accessibility and foreseeability at the material time";

"36.4.8. Illi fl-istess decizjoni indikata fil-paragrafu precedenti l-imsemmija qorti kkonkludiet illi fil-kaz in dizamina:

"... the relevant legal provision failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided in Article 7";

"Ikkunsidrat:

"37. Illi minn ezami tal-fatti rizultanti fir-rigward jirrizulta li r-rikorrenti ma kellux l-opportunita` li jkun jaf, fiz-zmien li twettaq ir-reat, quddiem liema qorti kien ser jigi pprocessat fl-eventwalita` li jinqabad u jigi akkuzat bir-reati indikati fil-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

"38. Illi r-rikorrenti kien sar jaf liema piena kien ser jigi rinfaccat biha meta eventwalment gie formalment notifikat bl-Att ta' Akkuza 06/2006 indirizzat fil-konfront tieghu, (ara foll 35);

"39. Illi ghandu jkun pacifiku li d-decizjoni rigwardanti liema qorti kienet allura ser tisma` u tiddeciedi l-kaz hekk indirizzat kontra r-rikorrenti hemm akkuzat, kienet ittiehdet unikament mill-intimat u dan, fid-diskrezzjoni assoluta tieghu;

"40.0. Illi fir-rigward tad-decizjoni indikata fil-paragrafu precedenti jinghad

wkoll li jirrizulta assodat li din id-decizjoni:

“40.1. La jirrizulta li hi motivata; u

“40.2. Lanqas tirrizulta li l-istess motivazzjonijiet gew b’xi mod rezi pubblici;

“41. Illi *di piu`*, jirrizulta ghalhekk ukoll li minbarra li tali decizjoni tal-intimat hi wahda totalment soggettiva, l-inskrutabilita` taghha, facilment tista` twassal ghall-arbitrarjeta` tant odjuza fil-kamp tas-sovranita` tad-dritt li qieghed jigi imminat bil-procedura in dizamina;

“42. Illi konsegwentement, *stante* li tali decizjoni hekk karenti mit-trasparenza awspikata fi proceduri ta’ din ix-xorta, ovvjament twassal ghall-ksur tar-rekwizit tal-prevedibilita` ***foreseeability*** indirizzat mill-Qorti Ewropea fuq citata, (ara paragrafi numru sitta u tletin punt erbgha punt sebgha, (36.4.7.), u sitta u tletin punt erbgha punt tmienja, (36.4.8.), aktar qabel);

“Ikkunsidrat:

“43. Illi fir-rigward tar-rimedju li issa ghandu jinghata fir-rigward, issir referenza ghad-decizjoni tal-Qorti Ewropea in dizamina fil-kaz fl-ismijiet ***Camilleri vs. Malta*** datata t-***22 ta’ Jannar, 2013***, fejn sostniet li:

“... the present case does not concern the imposition of a heavier sentence than that which was applicable at the time of the commission of the criminal offence or the denial of the benefit of a provision prescribing a more lenient penalty which came into force after the commission of the offence ...”;

“44. Il-Qorti Ewropea indikata fil-paragrafu precedenti fil-kawza hemm ukoll citata ghamlitha cara li dak li rrizulta fil-kawza hemm indirizzata, (li kienet tirrispekkja cirkostanzi ghal kollox simili ghall-procedura odjerna), kien biss in-nuqqas ta’ ***prevedibilita`*** kif rikjesta fl-artiklu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea in dizamina u fil-gurisprudenza fuq elenkata fir-rigward;

“45. Illi ghalhekk, biex verament jigi rispekkjat l-principju Ruman antik li ***nulla poena sine lege*** ghandu jigi formalment assodat li l-piena konsegwenzjali ghal reat kontemplat ghandha tkun biss dik stabbilita fil-ligi fil-mument li allegatament ikun twettaq ir-reat in dizamina, u dan, bi kjarezza u minghajr il-possibilita` ta’ manipulazzjoni ghal ragunijiet inskrutabbli;

"Ikkunsidrat:

"46. Illi tenut kont tas-suespost ghandu pero` wkoll ikun pacifiku li dan in-nuqqas ta' previdibilita` ma jattirax lejh ir-revoka tal-procedura kollha li kienet sussegwentement ittiehdet wara tali decizjoni, ghalkemm ovvjament din xorta wahda ghandha tattira lejha rimedju adegwat li jirrispekkja l-principju tal-proporzjonalita`;

"47. Illi konsegwenza tas-suespost, din il-qorti qed tirrespingi t-talba tar-rikorrenti biex tigi revokata s-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mark Charles Kennith Stephens,*** datata l-***24 ta' Gunju, 2010,*** kif l-istess rikorrenti qieghed jitlob bhala l-konkluzjoni logika tal-procedura in dizamina, u dan, *stante* li tali talba tar-rikorrenti mhix wahda proporzjonali;

"48. Illi *nonostante* dak indikat fil-paragrafu precedenti, in vista tar-rizultanzi fuq elenkati u tal-insenjamenti tal-qrati lokali u tal-Qorti Ewropea fuq indirizzati, tiddikjara li d-diskrezzjoni tal-intimat hi leziva d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti u konsegwentement qeghda ghalhekk takkolji dik il-parti tat-talbiet tieghu fir-rigward;

"49. Illi *di piu`*, ma jirrizultax debitament ipprovat mir-rikorrenti skont il-ligi li l-proceduri kriminali mehuda fil-konfront tar-rikorrenti sussegwentement ghal tali decizjoni tal-intimat, fihom infushom kissru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti;

"50. Illi r-rimedju konsegwenzjali ghall-istess malfazzjoni rizultanti fl-operat tal-intimat qeghda hawn tigi rizervata ghall-parti decizorja tas-sentenza odjerna;

"Ikkunsidrat:

"51.0. **C. Il-Limitazzjoni tal-Qorti tal-Appell**:

"51.1. Illi taht dan il-kap ir-rikorrenti essenzjalment jiffoka fuq l-allegazzjoni tieghu li minnha nfisha l-Qorti tal-Appell Kriminali qatt ma setghet ittieh smigh xieraq, (ara paragrafu numru tlieta punt tlieta, (3.3.), aktar qabel u foll 8 u 293);

"51.2. Illi r-ragunijiet ghal din il-konkluzjoni tieghu jistghu jingabru sintetikament bil-mod segwenti:

"51.2.1. Illi l-funzjoni tal-Qorti tal-Appell *de quo* hi limitata biss ghal revizjoni tal-operat tal-procedura precedentement mehuda *in prim' istanza*;

"51.2.2. Illi meta, bhal fil-kaz in dizamina, decizjoni rigwardanti l-piena tkopri latitudini wiesgha ferm, l-ezami tal-Qorti tal-Appell li tara biss jekk il-piena moghtija tkunx fil-parametri ezagerati li l-ligi in dizamina tistabbilixxi ma jfissirx li b'daqshekk biss tkun accertat ruhha li l-piena moghtija tkun effettivament wahda gusta;

"51.2.3. Illi ghalhekk, la l-ordinament guridiku Malti m'ghandux it-tielet grad ta' revizjoni fil-forma ta' qorti suprema jew ekwivalenti, allura qed jinkisru d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanciti fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u fl-artiklu 6 tal-Konvenzjoni in dizamina;

"Ikkunsidrat:

"52. Illi fil-fatt l-ordinament guridiku Malti s'issa hu l-uniku ordinament fl-Unjoni Ewropea li m'ghandux dan il-grad partikolari ta' gudizzju li fil-Kontinent hu indikat bhala Qorti ta' Kassazzjoni u fil-kultura Anglo-Sassona hu indikat bhala Qorti Suprema;

"53. Illi tali qorti hi wahda ta' tielet (3) grad, intiza biss biex tiddetermina l-interpretazzjoni legali preciza li ghandha sussegwentement tittiehed mill-qrati l-ohra kollha ta' grad inferjuri biex b'hekk jissahhah il-principju tal-uniformita` interpretattiva biex jigi hekk verament rispettat l-principju tac-certezza tad-dritt;

"54. Illi pero` ghandu jkun pacifiku li n-nuqqas tal-istess struttura ma tfissirx u mhix awtomatikament ekwivalenti, ghall-fatt li allura l-ordinament guridiku taghna jinsab fi stat ta' konfuzjoni interpretattiva u fi stat ta' incertezza;

"55. Illi ghandu jkun ovvju li l-istess funzjonijiet rizervati lil din il-qorti partikolari s'issa qed jigu ezercitati kemm mill-Qorti tal-Appell, u dan, kemm fil-kamp Civili kif ukoll fil-kamp Kriminali, kemm mill-Qorti Kostituzzjonali li tikkostitwixxi l-ghola grad f'dan il-kamp kostituzzjonali partikolari;

"56. Illi ghalhekk, fih innifsu, in-nuqqas strutturali li r-rikorrenti jindirizza mhux awtomatikament ekwivalenti ghall-ezistenza ta' vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif isostni l-istess rikorrenti;

"57. Illi ovvjament jekk hu deziderabbli *o meno* li jkun hemm ukoll dan il-tielet grad ta' skrutinju bil-ghan li tingheleb il-konfuzjoni interpretattiva li effettivament tista` tirrizulta, u bil-ghan li jissahhah il-principju tant essenzjali ghal ordinament guridiku san tac-certezza tad-dritt, hi diskussjoni li tmur lil hemm mill-limiti procedurali odjerni u ghalhekk hu ghaqli li ma jinghad xejn aktar fir-rigward biex ma tigix straripata l-linja

procedurali immaginarja li din il-qorti tenuta li tosserva;

"58.0. Illi effettivament, meta l-Qorti tal-Appell Kriminali kienet kolpita bil-procedura inoltrata quddiema bl-intervent stess tar-rikorrenti, hi ntalbet specifikatament li tezamina jekk:

"58.1. Il-piena moghtija mill-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha datata l-5 ta' Novembru, 2008, (ara foll 91), kienitx wahda gusta; u

"58.2. Illi fin-nuqqas, li tiddetermina piena anqas fid-dawl tal-principju tan-*non reformatio in peius* - *stante* li fl-ordinament guridiku taghna, fil-grad t'appell, appellant ma jistghax jinghata piena aktar grafuza minn dik lilhu moghtija in prim' istanza;

"59. Illi in effetti, minn ezami tad-dokumentazzjoni prezentata in atti, jirrizulta abbundantement assodat li dan l-ezami gie debitament ezawrjentement onorat mill-istess qorti u din il-qorti m'ghandha xejn x'izzid aktar fir-rigward;

"Ikkunsidrat:

"60. Illi ghalhekk ghandu jkun palesi li stabbilit dan, qatt ma issa jista` jkun il-kompitu ta' din il-qorti ta' gurisdizzjoni kostituzzjonali, li tirriezamina l-konkluzzjonijiet li waslet ghalihom il-Qorti tal-Appelli Kriminali – qorti li fil-kamp kriminali hi wahda li hi superjuri ghaliha – meta kkonfermat is-sentenza tal-Qorti Kriminali in dizamina;

"61. Illi *di piu`*, jirrizulta assodat li l-istess Qorti tal-Appell Kriminali kienet ukoll indirizzat l-ilmenti anke hawn sollevati mir-rikorrenti u ovvjament, wasslet ghall-konkluzjonijiet taghha hemm riportati;

"62. Illi in vista tal-premess, in-nuqqas lamentat mir-rikorrenti ta' sistema tat-tielet grad ta' skrutinju, ghalkemm jista` jkun anke forsi deziderabbli, xorta wahda ma jikkostitwix fih innifsu vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali kif kontemplati fl-artiklu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea *de quo* u fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"Ikkunsidrat:

"63.0. **D. Id-Detenzjoni Domiciljari: Konsiderazzjoni fuq il-Piena:**

63.1. Illi r-rikorrenti jsostni li *stante* li hu kien mizmum taht arrest domiciljari allura, il-perjodu in dizamina kellu jittiehed in konsiderazzjoni meta l-Qorti Kriminali ghaddiet biex tikkonsidra u tiddeciedi fuq il-piena li sussegwentement imponiet fuq l-akkuzat rikorrenti odjern;

63.2. Illi konsegwentement dan kien ta' pregudizzju ghar-rikorrenti u allura leziv id-drittijiet fundamentali tieghu kif sanciti fl-artiklu 5 tal-Konvenzjoni in dizamina u fl-artiklu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta;

"64. Illi l-artiklu 5 tal-Konvenzjoni Ewropea in dizamina jghid sintetikament is-segwenti:

"1. Kulhadd ghandu d-dritt ghall-liberta` u ghas-sigurta` tal-persuna. Hadd ma ghandu jigi pprivat mill-liberta` tieghu hlief fil-kazijiet li gejjin u skont il-procedura preskritta bil-ligi:

(c) l-arrest jew detenzjoni skont il-ligi ta' persuna effettwata sabiex tigi migjuba quddiem l-awtorita` legali kompetenti fuq suspett ragonevoli li tkun ikkommettiet reat jew meta jkun meqjus ragonevolment mehtieg biex jigi evitat li tikkommetti reat jew li tahrab wara li tkun ghamlet reat";

"65. Illi f'dan ir-rigward, il-***Qorti Ewropea*** in dizamina, fis-sentenza taghha fl-ismijiet ***Mancini vs. Italy*** datat it-***2 t'Awwissu, 2001***, irriteniet is-segwenti:

"In the instant case, in view of their effects and their manner of implementation, both imprisionment and house arrest amounted to a deprivation of the applicants' liberty for the purposes of Article 5.1(c) of the Convention";

"66. Illi in effetti jirrizulta assodat li r-rikorrenti kien gie ordnat jissubixxi d-detenzjoni domiciljari, u dan, anke kif kien ukoll rikonoxxut mill-istess Qorti Kriminali fis-sentenza taghha meta emfasizzat l-perjodu ta' prigunerija hemm impost kellu jinkludi biss il-perjodu ta' kustodja preventiva li r-rikorrenti kien ghadda fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin, (ara foll 95), izda baqghet siekta u ssorvolat il-perjodu ta' detenzjoni domiciljari moghti sussegwenti ghad-digriet tal-istess qorti diversament preseduta datat is-7 t'April, 2006, (ara foll 87);

"67. Illi ghalhekk l-ilment tar-rikorrenti fir-rigward jirrizulta debitament fundat *stante* li kif jirrizulta mis-sentenza tal-qorti Ewropea fuq citata, (ara paragrafu numru erbgha u sittin, (64.), aktar qabel), tali perjodu hu effettivament ekwivalenti ghall-privazzjoni tal-liberta` ta' dak li jkun hekk kolpit;

"68. Illi pero` jirrizulta assodat ukoll min-naha l-ohra, li *nonostante* is-suespost, il-Qorti Kriminali in dizamina ma jirrizultax li kellha xi obbligu li tikkonsidra tali perjodu ghall-finijiet tal-piena minnha imposta;

"69. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti tal-Appell Kriminali*** fl-ismijiet ***Repubblika ta' Malta vs. Paul Muscat***, datata t-***28 ta' Dicembru, 2009***, riferita mill-istess rikorrenti, (ara paragrafu numru tlieta punt erbgha punt hamsa, (3.4.5.), aktar qabel u foll 9), fejn irriteniet:

"Mill-banda l-ohra, fil-kazijiet fejn, kontra dak indikat mill-Qorti Kostituzzjonali, tali *"house arrest"* domiciljari ***jista`*** jittiehed in konsiderazzjoni minn Qorti fl-ikkalibrar tal-piena", (enfasi ta' din il-qorti);

"70. Illi ghalhekk jirrizulta pjuttost b'mod car li tali konsiderazzjoni hi effettivament wahda kwalitattiva u allura, imhollija kompletament fid-diskrezzjoni tal-qorti kolpita b'tali decizjoni;

"71. Illi ghalhekk limitatament ghall-posizzjoni naxxenti fil-gurisdizzjoni lokali, ma jirrizulta li hemm l-ebda obbligu impost fuq l-istess qorti li tiehu in konsiderazzjoni l-perjodu ta' detenzjoni domiciljari meta din tigi biex tiddetermina l-piena wara s-sejbien ta' htija mill-gurati kolpiti b'tali responsabbilita`;

"Ikkunsidrat:

"72. Illi pero` hi l-fehma ta' din il-qorti li ghalkemm il-Qorti Kriminali m'ghamlet xejn li mhux debitament sancit mill-ligi vigenti fil-mument, ghandu jirrizulta pacifiku li meta fis-sentenza konklussiva l-process kriminali dan il-perjodu tad-detenzjoni domiciljari jigi injorat, dan ikollu l-effett immedjat li min ikun hekk kolpit, bhar-rikorrenti odjern, ikun effettivament qieghed jigi ppenalizzat doppjament, u dan, fid-dawl tad-definizzjoni tad-detenzjoni domiciljari f'***Mancini vs. Italy*** fuq riferita, (ara paragrafu numru hamsa u sittin, (65.) aktar qabel);

"73. Illi konsegwentement anke f'dan il-kap, qed tirrizerva li tipprovdi r-rimedju konsegwenzjali ghall-parti decizorja tas-sentenza odjerna;

"Ikkunsidrat:

"74. **E. L-Allegat Ksur tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni Ewropea:**

"Illi dan l-artiklu tal-Konvenzjoni *de quo* jiffoka fuq il-projbizzjoni tad-diskriminazzjoni u jghid:

"It-tgawdija tad-drittijiet u libertajiet kontemplati f'din il-Konvenzjoni ghandha tigi assigurata minghajr diskriminazzjoni ghal kull raguni bhalma huma s-sess, razza, kulur, lingwa, religjon, opinjoni politika jew opinjoni ohra, origini nazzjonali jew socjali, assocjazzjoni

ma' minoranza nazzjonali, proprjeta`, twelid jew status iehor";

"75. Illi f'dan ir-rigward issir referenza ghas-sentenza tal-***Qorti Ewropea*** *de quo* fl-ismijiet ***Spadea and Scalabrina vs. Italy***, datata t-***28 ta' Settembru, 1995***, li tghid is-segwenti:

"... according to its case-law, Article 14 ... will be breached where, without objective and reasonable justification, persons in "relevantly" similar situations are treated differently. For a claim of violation of this Article... to succeed, it has therefore to be established, *inter alia*, that the situation of the alleged victim can be considered similar to that of persons who have been better treated (see the ***Fredin vs. Sweden (no.1)*** judgement of ***18th February, 1991***, Series A no. 192, p. 19, para. 60)";

"76. Illi minn ezami tar-rizultanzi *in atti* jirrizulta li *nonostante* tali allegazzjoni ta' diskriminazzjoni, r-rikorrenti ma ta l-ebda raguni ghaliex qieghed jallega li kien hemm diskriminazzjoni fil-konfront tieghu;

"77. Illi lanqas ma jirrizulta assodat u pruvat liema kienu l-persuni allegatament vantaggati meta paragunati mieghu;

"78. Illi fid-dawl tas-suespost fir-rigward ghandu jkun pacifiku li biex tkun tista` tinstab vjolazzjoni tal-artiklu 14 in dizamina, r-rikorrenti hu obbligat li jipprova skont il-ligi, li persuni ohra f'sitwazzjonijiet simili ghal tieghu, gew trattati b'mod differenti u ahjar minnhu u dan, minghajr l-ebda gustifikazzjoni ragonevoli w oggettiva;

"79. Illi fin-nuqqas ta' tali prova, l-allegata vjolazzjoni tal-artiklu 14 tal-Konvenzjoni *de quo* fil-konfront tar-rikorrenti ma tirrizultax li giet debitament ippruvata;

<u>L-Appelli</u>

6. B'rikors tal-appell tal-20 ta' Lulju 2016, il-konvenut talab it-thassir tas-sentenza appellata limitatament ghal dawk il-partijiet tad-*decide* fejn l-istess Qorti sabet li gew lezi d-drittijiet tal-attur kif sanciti bl-Artikolu 39 tal-kostituzzonali u l-Artikolu 7 tal-konvenzjoni fuq citati, filwaqt li talab lil din il-

Qorti joghgobha tikkonferma l-kumplament tad-decizjoni appellata, bl-ispejjez kollha kontra l-attur appellat.

7. Huwa jibbaza l-appell tieghu fuq erba' aggravji li jirrigwardaw [1] id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali li jaghzel quddiem liema qorti kellha tisma' il-kaz tal-attur, [2] il-mizura tal-arrest domiciljari relattivament ghall-piena imposta fuqu, [3] ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti, [4] l-ispejjez.

8. B'risposta prezentata fis-17 ta' Awwissu 2016 u ghar-ragunijiet hemmhekk premessi, l-attur talab lil din il-Qorti sabiex tichad l-appell tal-konvenut, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra tieghu.

9. B'rikors tal-appell prezentat fl-20 ta' Lulju 2016, l-attur talab lil din il-Qorti sabiex tirriforma s-sentenza appellata billi [a] tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet illi gew lezi d-drittijiet fundamentali tieghu kif protetti bl-artikoli kostituzzjonali u konvenzjonali fuq indikati, tirrevokaha f'dik il-parti fejn akkordat bhala rimedju kumpens pekunjarju ghal kull wahda miz-zewg lanjanzi u, minflok, taghti rimedju iehor opportun u effettiv ghall-fattispecji tal-kaz, u [b] tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn cahdet il-bqija tal-lanjanzi tieghu rigwardanti ir-retroattivita` tal-piena u l-limitazzjoni fil-funzjoni tal-Qorti tal-Appell u, minflok, tipprovdi billi tilqa' dawn il-lanjanzi mressqa minnu u tiddikjara ksur tad-drittijiet

fundamentali tal-bniedem u konsegwentement taghti rimedju effettiv.

10. B'risposta prezentata fit-2 ta' Awissu 2016, il-konvenut laqa' ghall-appell tal-attur billi, ghar-ragunijiet hemmhekk esposti, talab lil din il-Qorti sabiex, minghajr pregudizzju ghall-aggravji mressqa minnu, tikkonferma l-partijiet tad-decide fejn l-ewwel Qorti sabet li ma kienx hemm ksur tad-drittijiet tal-attur, bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

11. l-attur qed jibbaza l-appell tieghu fuq erba' aggravji li jirrigwardaw: [1] "Ir-retroattivita` fuq il-piena" [2] id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali dwar l-ghazla tal-qorti li tisma' l-kaz tal-attur, [3] il-limitazzjoni tal-funzjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali u, [4] il-mizura tal-arrest domiciljari relattivament ghall-piena.

<u>L-Aggravji</u>

*L-Ewwel Aggravju tal-Avukat Generali [Diskrezzjoni tal-Avukat Generali]*

12. Dan l-aggravju huwa dirett lejn dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti sabet li fil-kaz tal-attur kien hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni, stante li d-diskrezzjoni wiesgha ezercitata mill-konvenut ma kinitx motivata u li d-decizjoni tieghu kienet insindikabbli. Bhala rimedju l-ewwel Qorti tat kumpens pekunjarju.

13. L-ilment tal-konvenut huwa fis-sens li l-ewwel Qorti ma kellhiex issib ksur tal-artikolu precitat. Inoltre, l-ilment huwa wkoll immirat lejn ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti ghall-ksur riskontrat u ghalhekk din il-Qorti sejra titratta din il-parti tal-aggravju meta tezamina t-tielet aggravju tal-konvenut, li jirrigwarda r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti.

14. Il-konvenut esprima hekk dan l-aggravju:

> "…… l-ewwel Onorabbli Qorti ma kinitx korretta meta ikkonkludiet fic-cirkostanzi odjerni li l-fatt li l-Avukat Generali ghandu diskrezzjoni li jaghzel quddiem liema Qorti ghandu jinstema' l-kaz ta' persuna akkuzata u l-fatt li tali ordnijiet ma jkunux motivati u pubblikati huwa inkonsistenti mal-principji kif salvagwardjati fl-artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi …… fl-umli fehma tal-esponent apprezzament huwa wiehed skorrett peress li hu bazat fuq percezzjoni erroneja tad-diskrezzjoni moghtija mill-Kostituzzjoni ta' Malta lill-appellant Avukat Generali stante li kif jirrizulta mill-atti tal-kaz, il-provi kollha jimilitaw lejn il-fatt li ghalkemm il-kaz tal-appellat gie determinat u gudikat mill-Qorti Kriminali wara li l-Avukat Generali ezercita d-diskrezzjoni tieghu senjatament minhabba l-akkuzi serji ta' traffikar ta' ammont sostanzjali ta' droga, dan il-fatt bl-ebda mod ma ippregudika d-Difiza u/jew il-gudizzju tieghu. Illi l-lanjanza tal-appellant hi fis-sens li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet skorretta meta ikkonkludiet li, ghalkemm ma sabitx ksur flr-rigward tat-talbiet kif dedotti mir-rikorrent appellat fir-Rikors Promotur ai termini tal-Artikoli 5, 6 u 14 tal-Konvenzjoni Ewropea, fic-cirkostanzi odjerni li jikkoncerna kaz li huwa *res judicata,* l-istess Qorti sabet ksur a bazi tal-Artikolu 7 minhabba li l-Avukat Generali ezercita d-diskrezzjoni tieghu. Illi bid-dovut rispett, tali konkluzzjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti, fic-cirkostanzi specifici ta' dan il-kaz, fl-umli fehma tal-appellanti mhix gustifikata."

15. Huwa jibbaza s-sottomissjoni tieghu fuq ir-ragunijiet segwenti:

> [i] Illi ghandu jinghad li l-indipendenza tal-Avukat Generali mill-Ezekuttiv fl-ezercizzju tar-rwol tieghu tirrizulta mill-Artikolu 91(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta. Inoltre, il-kriterji li a bazi taghhom l-esponent jikkonsidra sabiex jiddeciedi jekk ir-reat li bih l-akkuzat ikun tressaq quddiem il-Qorti hux

wiehed ta' natura ordinarja, f'liema kaz il-proceduri jinstemghu u jigu determinati mill-Qorti tal-Magistrati; jew reat serju li jinvolvi traffikar ta' ammont sostanzjali ta' droga bhal fil-kaz odjern; f'liema kaz jinstema' u jigi determinat mill-Qorti Kriminali; huma c-cirkostanzi tar-reat bhal fatti li jindikaw l-involviment ta' traffikar ta' droga apparti, l-kwantita` tas-sustanzi illeciti involuti;

[ii] Illi minn qari tas-sentenza appellata johrog car li d-decizjoni tal-Ewwel Onorabbli Qorti kienet ispirata mid-decizjoni fl-ismijiet *Camilleri v Malta* moghtija mill-Qorti Ewropea fit-22 ta' Jannar 2013. L-appellant jirrileva li ghalkemm id-decizjonijiet moghtija mill-organi gudizzjarji ta' Strasburgu ghandhom piz qawwi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u bhala tali m'ghandhomx jigu mwarrba leggerment jew minghajr ebda raguni valida, b'danakollu dan ma jfissirx li jekk kemm-il darba l-Qorti Ewropea tkun ippronunzjat ruhha b'certu mod, allura l-Istat jitlef kull opportunita` li fi proceduri separati jikkontesta dik id-decizjoni u jistieden lill-Qrati ohra biex ma jhaddnux dik id-decizjoni;

[iii] Illi f'dan il-kuntest l-esponent Avukat Generali fl-umli fehma tieghu, isostni li d-decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' *Camilleri v Malta* ma tirriflettix dak li tassew jiddisponi l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea. Illi f'dan ir-rigward, l-appellant ihoss li l-Qorti Ewropea minhabba suspetti mhux ragjonevoli dwar id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali, wessghet aktar milli kien imiss il-protezzjoni li hija intiza fl-ambitu tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni. Ghalhekk, hija l-fehma tal-esponent li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti Ewropea fil-kaz ta' *Camilleri v. Malta* tmur lil hinn minn dak li jinsab provdut fl-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, l-esponent qieghed umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti biex ma taccettax l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti Ewropea fejn tolqot id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali taht il-ligi tad-droga;

[iv] Dan premess il-Qorti Ewropea waslet ghall-konkluzjoni li d-diskrezzjoni moghtija bil-ligi lill-Avukat Generali fi proceduri dwar reati marbuta mad-droga ma tharisx il-principju tal-prevedibilita` ghaliex: [i] Il-*punishment bracket* jigi maghruf biss meta l-Avukat Generali jiddeciedi fejn ha jixli lill-akkuzat; [ii] l-ghazla tal-forum hija mhollija fid-diskrezzjoni assoluta tal-Avukat Generali; u [iii] l-Avukat Generali ma kellux kriterji fissi bil-ligi fuq xiex seta' jsejjes id-diskrezzjoni tieghu;

[v] Illi dwar l-ewwel punt ma hemmx dubju li l-parametri tal-piena b'rabta mat-traffikar u c-cirkolazzjoni tad-droga jinsabu sew delineati fl-Artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` bejn sitt xhur prigunerija u ghomor il-habs skont fejn l-akkuzat jigi mixli mill-Avukat Generali. Jigifieri kull min ghandu l-intenzjoni li jwettaq reat marbut mat-traffikar tad-droga jaf jew messu jkun jaf li skont il-ligi Maltija huwa jista' jirriskja f'kaz ta' sejbien ta' htija, piena ta' habs li tista' tvarja bejn is-sitt xhur u l-ghomor il-

habs, skont quddiem liema Qorti jigi imressaq. Hekk ukoll, kull min ghandu l-intenzjoni li jinvolvi ruhu fit-traffikar u l-kultivazzjoni tad-droga jaf jew messu jkun jaf li l-ghazla *tal-forum* hija mhollija fid-diskrezzjoni prudenzjali tal-Avukat Generali. Minn din il-lenti allura ghandu jirrizulta li l-parametri tal-piena li wiehed jista’ jehel jekk jinqabad jittraffika jew jimporta d-drogi f’Malta huma stipulati b’mod car fil-ligi;

(vi) Illi jirrizulta li d-diffikulta` misjuba mill-Qorti Ewropea u anke mill-Ewwel Onorabbli Qorti tikkoncerna l-fatt li l-*punishment bracket* jigi maghruf biss malli xi hadd jigi akkuzat u mhux qabel, pero` l-appellant f’dan ir-rigward jirribatti li fkull kaz kriminali, il-*punishment bracket* ikun jista’ jigi stabbilit biss malli jinhargu l-akkuzi. Effettivament, qabel ma jinhargu l-akkuzi hadd ma jista’ jkun jaf x’piena jista’ jehel. Ghalhekk, kollox jiddependi fuq in-natura tal-akkuzi li jinhargu mill-Prosekuzzjoni. Perezempju jekk ikollok kaz fejn persuna intenzjonalment thebb u twegga’ serjament persuna ohra l-*punishment bracket* tiddependi fuq jekk il-Prosekuzzjoni tohrog akkuza ta’ attentat ta’ qtil jew akkuza ta’ offiza gravi. Kemm fil-kaz ta’ attentat ta’ qtil u kemm fil-kaz ta’ offiza gravi l-*punishment bracket* huwa ben definit fil-ligi. Madankollu bhala stat ta’ fatt, l-akkuzat isir jaf ezattament x’qed jirriskja bhala piena malli tinhariglu l-akkuza, pero` dan ma jsegwix li hemm imprevidibbilita` fil-piena bi ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea;

[vii] Illi l-appellant jissottometti li f’dan il-kaz l-akkuzi migjuba kontra r-rikorrent kienu oneruzi. L-ammont sostanzjali ta’ droga involuta u s-sehem dirett tar-rikorrent fit-traffikar tal-istess droga ma kienx iqieghed il-kaz tieghu fil-kategorija ta’ *border-line case.* Kuntrarjament, dan kien kaz car li jimmilita favur akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Illi ghandu jinghad li fi kwalunkwe kaz, min kien akkuzat b’ammont ta’ droga perikoluza fil-vicinanzi ta’ dak li gie akkuzat bihom ir-rikorrent u kellu livell ta’ partecipazzjoni daqshekk gholi fit-twettiq tar-reat, dan dejjem gie imressaq quddiem il-Qorti Kriminali. L-appellant jissottometti li certament fil-kaz specifiku tar-rikorrent appellat ma jistax jinghad li l-ghazla tal-Avukat Generali li jressqu quddiem il-Qorti Kriminali kienet xi sopriza jew xi decizjoni mhux mistennija jew sahansitra decizjoni skorretta. Illi effettivament kien skontat li minhabba t-traffikar tal-istess ammont ta’ droga, ir-rikorrent kien sejjer jghaddi minn guri. Illi ghalhekk jista’ jinghad li fic-cirkostanzi odjerni, l-ghazla tal-Avukat Generali li jibghatu quddiem il-Qorti Kriminali kienet tista’ tghid wahda ta’ obbligu. Naturalment dan kollu jkompli jsahhah aktar it-tezi tal-esponent li f’dan il-kaz ma kien hemm l-ebda sorpiza jew imprevedibilita` fil-mod kif l-Avukat Generali uza d-diskrezzjoni tieghu fil-konfront tar-rikorrent;

(viii) Illi ghalhekk fl-fehma tal-appellant, kellu jirrizulta lill-Ewwel Onorabbli Qorti li d-diskrezzjoni tal-Avukat Generali hija wahda direzzjonali u mhux kostituttiva tal-azzjoni penali; liema azzjoni hija prosegwibbli indipen-

dentement mill-appellant. Illi bid-dovut rispett, dan l-apprezzament jidher li ma nghatax importanza mill-Ewwel Onorabbli Qorti u ghalhekk l-esponent isostni li l-istess Qorti ma evalwatx b'mod ragjonevoli l-funzjoni tal-appellant fil-kuntest korrett ai termini tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni;

[ix] Inoltre, l-istess Qorti Ewropea f'kazijiet ohra, iddikjarat li l-element ta' prevedibilita` kien gie sodisfatt anke fir-rigward ta' ligijiet li kienu meqjusa bhala generici u vagi, proprju minhabba li jew il-Qrati nazzjonali kienu diga` ikkjarifikaw l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni ta' dik il-ligi tramite l-Gurisprudenza *(Kokkinakis v. Greece; Larissis v. Greece; Baskaya and Okcuoglu u. Turkey; Schimanek v. Austria)* jew inkella jkunu tawha tifsira tali li anke jekk il-kaz kien l-ewwel wiehed tax-xorta tieghu xorta kien prevedibbli u konsistenti mal-essenza tar-reat;

[x] Illi l-appellant jirrileva li l-element ta' prevedibilita` tqajjem ukoll fil-kaz *Achour v. France* li kien jikkoncerna emendi ghal ligi ta' Franza dwar il-piena ghal min hu recediv, u dan sabiex jirduppjaw f'xi kazijiet is-sentenza li altrimenti kienet tinghata lil persuni li jinstabu hatja ta' reat serju ghat-tieni darba. F'dak il-kaz, l-applikant kien ilmenta minn ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni meta l-ligi kif emendata giet applikata ghad-detriment tieghu sabiex izzid is-sentenza fil-konfront tieghu ghal tnax il-sena habs fir-rigward tat-tieni reat dwar droga, li gara wara li l-ligi kif emendata giet fis-sehh. Il-Qorti Ewropea ikkonkludiet f'dak il-kaz li ma kienx hemm ksur tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni u dan wara li osservat li l-irduppjar tas-sentenza fil-konfront tieghu kienet prevedibbli ghax hu kien jaf jew seta' jiskopri, qabel ma ikkommetta t-tieni reat bil-konsegwenzi tal-agir tieghu, u dan skont il-prassi gudizzjarja fi Franza li permezz taghha ligijiet godda fuq ir-recediva jigu applikati b'mod immedjat. Ghaldaqstant l-appellant jitlob lil din l-Onorabbli Qorti Kostituzzjonali joghgobha tilqa' dan l-aggravju tal-appellant Avukat Generali;"

16 L-attur jilqa' ghal dan l-aggravju billi jissottometti inter alia illi generalment id-decizjonijiet moghtija minn organi gudizzjarji ta' Strasburgu fihom piz qawwi fil-qasam tad-drittijiet fundamentali u ma ghandhomx jigu mwarrba leggerment jew minghajr raguni valida. Ikompli jwiegeb hekk ghal dan l-aggravju:

"… f'dan l-isfond jinghad illi fil-kaz in kwistjoni mhux talli l-Qrati Maltin ma segwewx il-pronunzjament tal-Qorti Ewropea fil-kaz ta' Camilleri vs.

Malta, izda talli sahansitra kien l-istess legislatur illi emenda l-ligi inkwistoni sabiex jaghmilha *in linea* ma' tali pronunzjament. Fil-fatt, ricentament iddahhlu emendi fil-ligi kriminali senjatament fil-Kap.101 permezz ta' l-Att XXIV tal-2014 u l-Linji Gwida fir-Raba' Skeda (Artikolu 22) li jipprovdu tentattiv sabiex jindirizzaw u jillimitaw din id-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali.

"Fil-fatt, minhabba dan il-ksur riskontrat fis-sentenza Camilleri vs Malta, il-legislatur Malti ricentament emenda il-ligi b'mod illi persuna akkuzata ghandha dritt tissindika id-diskrezzjoni tal-Avukat Generali permezz ta' rikors fil-Qorti Kriminali li tiddeciedi definittivament liema Qorti ghandha tiddeciedi l-kaz, jekk hux il-Qorti tal-Magistrati jew il-Qorti Kriminali. Illi ghalhekk llum, dan id-dritt jirrizulta sancit legislattivament. Dan ifisser illi l-ksur tad-dritt fundamentali tal-bniedem ilmentat mill-appellat tant huwa ksur serju li l-izvilupp legali nostran eventwalment evolva biex jirrikonoxxi tali dritt in dizamina.

"Illi l-appellat jirrileva illi d-diskrezzjoni vasta tal-Avukat Generali li kien jista' jiddeciedi jekk l-akkuzat jigiex gudikat mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali jew li jitpogga taht Att ta' Akkuza sabiex l-akkuzat jghaddi guri u konsegwentement id-differenza fil-piena li tista tkun inflitta jikser l-Artikolu 39 tal- Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

"Illi in sostenn l-appellat qed jiccita s-sentenza surreferita fl-ismijiet **John Camilleri vs Malta** (App nru 42931/10) deciza mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fejn il- Qorti irriteniet illi:

> *'The law did not provide for any guidance on what would amount to a more serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria). The Constitutional Court (see paragraph 14 above) noted that there existed no guidelines which would aid the Attorney General in taking such a decision. Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied. An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards. Neither could such a decision be seen only or mainly in terms of abuse of power, even if, as the Government suggested without however substantiating their view, this might be subject to constitutional control (see paragraph 29 above). The Court is not persuaded by the Government's argument to the effect that it was possible that the minimum punishment before the Criminal Court would not be*

> *handed down. The Court considers that the domestic courts were bound by the Attorney General's decision as to which court would have been competent to try the accused. The Court observes that Article 21 of the Criminal Code provides for the passing of sentences below the prescribed minimum on the basis of special and exceptional reasons. However, section 120A of the Medical and Kindred Professions Ordinance, which provides for the offence with which the applicant was charged, specifically states in its subsection (7) that Article 21 of the Criminal Code shall not be applicable in respect of any person convicted of the offence at issue. On an examination of the provision, the Court finds that it would not be possible to interpret the wording of that provision otherwise.'*

> "Illi inoltre l-appellat jaghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet Daniel Alexander Holmes vs Avukat Generali et datata tlieta (3) ta' Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) fejn il-Qorti analizzat u abbraccat il-principji li johorgu mis-sentenza tal-Qorti Ewropea succitata John Camilleri vs Malta."

*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

17. F'dan l-aggravju l-Avukat Generali jilmenta mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi d-diskrezzjoni moghtija lill-Avukat Generali tmur kontra l-provvedimenti tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewopeja li jipprovdi hekk:

> '(1) Hadd ma ghandu jitqies li jkun hati ta' reat kriminali minhabba f'xi att jew ommissjoni li ma kinux jikkostitwixxu reat kriminali skont liġi nazzjonali jew internazzjonali fil-hin meta jkun sar. Lanqas ma ghandha tinghata piena akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat kriminali jkun sar.
>
> "(2) Dan l-Artikolu ma ghandux jippreġudika l-proceduri u l-applikazzjoni tal-piena ta' xi persuna ghal xi att jew ommissjoni li,fiż-żmien meta jkun sar, kien kriminali skont il-principji ġenerali tal-liġi rikonoxxuti min-nazzjonijiet civilizzati.'

18. Rigward il-vertenza in dizamina din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-istess Qorti fis-16 ta' Mejju 2016 fil-kawza fl-ismijiet **Jean Pierre Abdilla v. Avukat Generali**, li kienet titratta kaz fejn il-fattispecie tieghu ferm simili ghall-kaz odjern. F'dik il-kawza u in rigward ta' aggravju dwar l-istess mertu mressaq mill-Avukat Generali, din il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

> "20. Il-qorti ma tistax tichad il-qawwa tal-argument elokwenti mressaq mill-Avukat Ġenerali li essenzjalment huwa appell biex min jiġġudika ma jinqatax mir-realtà tal-hajja u, minflok, jintilef f'finzjonijiet u astrazzjonijiet li ma ghandhom x'jaqsmu xejn mal-veritajiet li jhabbat wiccu maghhom min jikkombatti d-delinkwenza fid-dinja reali. Fil-verità, liema delinkwent, qabel ma jwettaq il-hsieb tieghu, jikkonsulta l-menu u l-listino prezzi tar-reati biex ighid li dan it-tali reat jista' jwahhlu sa ghaxar snin habs u ghalhekk huwa "ghali" wisq waqt li t-tali reat iehor li jista' jwahhlu biss sa hames snin vale la pena li jidhol ghalih ghax ghandu hames snin x'jonfoq? Hekk jiġri fid-dinja reali?
>
> "21. Barra minn hekk, sewwa jghid l-Avukat Ġenerali illi kieku l-attur ikkonsulta l-liġi qabel ma qataghha li jiksirha kien ikun jaf illi seta' jehel minn sitt xhur sa ghomru priġunerija. Setghet il-liġi flok taghti ghażla ta' forum tidentifika minn qabel forum wiehed, bla ma taghti setgha ta' ghażla lill-Avukat Ġenerali, u tghid illi l-minimu tal-piena huwa ta' sitt xhur u l-massimu huwa ghomor priġunerija: ir-riżultat kien ikun l-istess; l-elementi tar-reat ma jkunux b'hekk maghrufa aktar u ahjar milli kienu maghrufa fiż-żmien relevanti u l-massimu u l-minimu tal-piena ma jkunux b'hekk maghrufa aktar u ahjar milli kienu maghrufa fiż-żmien relevanti.
>
> "22. Madankollu, l-argument tal-Avukat Ġenerali ma huwiex ghalkollox shih, ghax l-ghażla li ghandha l-prosekuzzjoni tal-akkuża li biha tixli lill-akkużat, u li jista' jkollha effett fuq il-piena, ma hijiex l-istess bhall-ghażla tal-parametri tal-piena ghall-istess akkuża, bhal ma kien il-każ taht l-art. 22(2) tal-Kap. 101. Il-liġi taghti parametri wesghin ghall-ghażla tal-piena biex il-qorti tkun tista' taghti l-piena li tixraq ghall-każ partikolari. Iżda din l-ghażla ghandha tkun imhollija fid-diskrezzjoni tal-qorti u mhux, bhal ma kien jiġri taht l-art. 22(2) fiż-żmien relevanti, tkun limitata bis-setgha tal-Avukat Ġenerali li jaghżel il-forum.
>
> "23. Dan il-fatt iżda jolqot il-prevedibilità li jrid l-art. 7 tal-Konvenzjoni?

Tassew, it-tifsira litterali tal-art. 7 hija illi l-liġi trid tkun cara dwar x'inhuma l-atti jew omissjonijiet li jikkostitwixxu reat, u għal dak ir-reat ma tistax tingħata piena akbar minn kemm tgħid il-liġi. Fil-każ tallum l-atti li wettaq l-attur kienu jikkostitwixxu reat taħt il-liġi u, wara li nstab ħati, il-piena li ngħata ma kinitx akbar minn dik li kienet applikabbli fiż-żmien meta r-reat sar.

"24. Fl-interpretazzjoni tal-qorti ta' Strasburgu, iżda, l-element ta' prevedibilità huwa meħtieġ mhux biss għal dak li jikkostitwixxi r-reat u l-ogħla piena li tista' tingħata, iżda wkoll – għall-inqas bejn wieħed u ieħor – għall-quantum tal-piena. Hekk, fis-sentenza ta' Camilleri dik il-qorti kienet osservat illi:

> '35. ... ... ... An individual must know from the wording of the relevant provision and, if need be, with the assistance of the courts' interpretation of it, what acts and omissions will make him criminally liable and what penalty will be imposed for the act and/or omission committed.«

"25. Din tista' forsi titqies bħala interpretazzjoni "evolutiva" tal-Konvenzjoni, biex ma nsejħulhiex leġislazzjoni minn organu ġudizzjarju, u ma hemm xejn ħażin illi fl-interess tal-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem dawk id-drittijiet jingħataw l-usa' interpretazzjoni, sakemm dak li b'hekk jissaħħaħ ikun tassew il-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u mhux il-ħarsien tal-interessi tad-delinkwenza.

"26. Fil-każ tallum, bħal fil-każ ta' Camilleri, ma hemmx kwistjoni dwar il-prevedibilità ta' x'jikkostitwixxi r-reat. Dan qalitu wkoll il-Qorti Ewropea dwar l-art. 120A(2) tal-Ordinanza dwar il-Pro-fessjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha [Kap. 31], disposizzjoni analoga għal dik tal-art. 22(2) tal-Kap. 101, iżda l-qorti osservat ukoll illi ma huwiex biżżejjed illi jkun prevedibbli biss x'jikkostitwixxi r-reat u x'inhu l-massimu tal-piena:

> '40. The Court finds that the provision in question does not give rise to any ambiguity or lack of clarity as to its content in respect of what actions were criminal and constituted the relevant offence. The Court further notes that there is no doubt that section 120A(2) of the Medical and Kindred Professions Ordinance provided for the punishment applicable in respect of the offence with which the applicant was charged. In fact, it provided for two different possible punishments, namely a punishment of four years to life imprisonment in the event that the applicant was tried before the Criminal Court, or six months to ten years if he was tried before the Court of Magistrates. While it is clear that the punishment imposed was established by law and did not exceed the limits fixed by section 120A(2) of the above-mentioned Ordinance, it remains to be determined whether the Ordinance's qualitative requirements, particularly that of foreseeability, were satisfied, regard being had to the manner of choice of jurisdiction, as this reflected on the penalty that the offence in

question carried.«

"27. Il-qorti fil-fatt sabet illi l-incertezza dwar il-parametri – forsi ghax min ikollu l-hsieb li jwettaq reat ma jkollux mezz kif jikkonsulta mal-Avukat Ġenerali qabel ma jwettaq ir-reat biex jistaqsih quddiem liema qorti sejjer iressqu jekk jinqabed – tolqot il-prevedibilità tal-piena u ghalhekk sabet ksur tal-art. 7 tal-Konvenzjoni:

> '41. The Court observes that the law did not make it possible for the applicant to know which of the two punishment brackets would apply to him. As acknowledged by the Government …, the applicant became aware of the punishment bracket applied to him only when he was charged, namely after the decision of the Attorney General determining the court where he was to be tried.
>
> ……………………… omissis ………………………
>
> '43. While it may well be true that the Attorney General gave weight to a number of criteria before taking his decision, it is also true that any such criteria were not specified in any legislative text or made the subject of judicial clarification over the years. The law did not provide for any guidance on what would amount to a more serious offence or a less serious one (based on enumerated factors and criteria). The Constitutional Court … noted that there existed no guidelines which would aid the Attorney General in taking such a decision. Thus, the law did not determine with any degree of precision the circumstances in which a particular punishment bracket applied. An insoluble problem was posed by fixing different minimum penalties. The Attorney General had in effect an unfettered discretion to decide which minimum penalty would be applicable with respect to the same offence. The decision was inevitably subjective and left room for arbitrariness, particularly given the lack of procedural safeguards. … … …
>
> '44. In the light of the above considerations, the Court concludes that the relevant legal provision failed to satisfy the foreseeability requirement and provide effective safeguards against arbitrary punishment as provided in Article 7.

"28. Jekk din hija l-interpretazzjoni prevalenti – biex ma nsejhulhiex korretta – tal-art. 7, u jidher ukoll illi hija l-interpretazzjoni adottata fis-sentenzi ta' dawn il-qrati wara Camilleri, xejn ma jiswa li nghidu illi l-attur kien jaf, qabel ma qataghha li jwettaq ir-reat, li seta' jehel minn sitt xhur sa ghomru l-habs; jekk ma setax, f'dak il-waqt, ikun jaf jekk setax jehel minn sitt xhur sa ghaxar snin jew minn erba' snin sa ghomru, mela ma kienx hemm il-prevedibilità li jrid l-art. 7 kif interpretat.

"29. Fil-verità iżda – ghax il-liġi trid tithaddem fil-każ konkret u mhux fl-astratt – seta' jew ma setax jobsor l-attur illi l-gravità tar-reat minnu mwettaq la kienet żghira u lanqas borderline, b'mod illi jekk jinqabad

x'aktarx illi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali? Meta tqis illi l-kwantità ta' droga kienet sostanzjali – kilo (1Kg) eroina – li kienet tiswa hamsa u ghoxrin lira ta' Malta (Lm25) kull gramm, jew hamsa u ghoxrin elf lira (Lm25,000) – daqs tmienja u hamsin elf, mitejn u erbgha u tletin euro u tlieta u tletin centeżmu (€58,234.33) – b'kollox, u tqis illi (kif jidher mill-istatistika esebita mill-Avukat Ġenerali), każijiet ta' dik il-gravità regolarment jitressqu quddiem il-Qorti Kriminali, ma jistax jinghad illi fil-każ tal-attur kienet nieqsa l-prevedibilità li ġie interpretat li jrid l-art. 7 tal-Konvenzjoni."

19. Ferm il-premess, din il-Qorti tinnota illi fil-kaz odjern ukoll, il-kwantita` ta' droga kienet sostanzjali; kienet 'l fuq minn tliet kilogrammi (3kg) ta' kokaina u 'l fuq minn sebat elef (7,000) pillola tal-ecstasy[2] b'valur tassew kbir. Ghalhekk, jista' jinghad li fil-fattispecie tal-kaz odjern l-Avukat Generali ma kellu ebda ghazla ohra hlief li jakkuza lill-attur fil-Qorti Kriminali, kemm minhabba n-natura komplessa tal-mod kif sar it-traffikar ta' droga li kien involut fih l-attur, kif ukoll tenut kont tal-ammont ta' droga misjuba fuqu. Dan huwa wkoll rifless fil-quantum tal-piena inflitta mill-Qorti Kriminali. Din il-Qorti tosserva li dawn il-fatturi kienu jaghmluha evidenti li l-kommissjoni tar-reat li bih gie akkuzat u misjuba hati l-attur kien ta' certu portata li kellu jkun car li kien ser jigi deciz mill-Qorti Kriminali. Zgur ghalhekk li ma jistax jinghad illi l-kaz tal-attur kien nieqes mill-pre-vedibilita` li jrid l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

2 Vide sentenza tal-Qorti Kriminali tal-5 ta' Novembru 2008 (fol 89) u sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-24 ta' Gunju 2010 (fol 114) li permezz taghhom gie kkundannat ir-rikorrent.

20. Jirrizulta ghalhekk illi t-test stabbilit f'**Jorgic v. Germany**[3] gie sodisfatt, in kwantu l-attur seta' fiz-zmien relevanti ragjonevolment jipprevedi, anke bl-ghajnuna ta' avukat, illi kien qed jirriskja li jigi akkuzat u kkundannat ghar-reati in kwistjoni, u li seta' jehel il-piena li effettivament wehel meta instab hati tal-istess reati.

21. Inoltre l-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu illi pronunzjamenti da parti tal-Qorti Ewropea, bhal ma hu dak f'**John Camilleri v. Malta**[4], ma ghandhomx jigu mwarrba leggerment, izda fl-istess hin dan ma jfissirx li l-qrati domestici tilfu l-awtonomija li jiddipartixxi minnhom, specjalment jekk il-fattispecie tal-kaz partikolari jkunu manifestament jirrikjedu gudizzju xort'ohra.

22. Ghaldaqstant l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali jirrizulta ghalhekk fondat u qieghed jigi milqugh.

*It-Tieni Aggravju tal-konvenut [arrest domicljari]*

---

3 ECHR, **Jorgic vs Germany**, App. No. 74613/01, 12/10/2007, paras 109-113

4 ECHR, **John Camilleri v. Malta**, App. No. 42931/10, 22/01/2013

23. Permezz tat-tieni aggravju tieghu, l-Avukat Generali jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti sabet lezjoni tad-drittijiet tal-attur kif sanciti mill-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea, in kwantu l-perjodu li ghamel taht arrest domiciljari ma ttehidx in konsiderazzjoni meta saret id-determinazzjoni tal-piena. L-ewwel Qorti kkonkludiet illi l-effett immedjat ta' dan huwa li min ikun hekk kolpit, bhall-attur odjern, ikun effettivament qieghed jigi ppenalizzat darbtejn.

24. L-istharrig ta' din il-Qorti jrid ghalhekk jiccentra dwar jekk huwiex minnu dak deciz mill-ewwel Qorti illi n-nuqqas ta' tnaqqis tal-perjodu illi l-attur ghamel taht arrest domiciljari jinkwadrax ruhu f'piena doppja u konsegwentement inghatax piena akbar minn dik li kienet applikabbli skont l-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

25. Fis-sentenza fil-kaz fl-ismijiet **James Demanuele v. Avukat Generali**[5] din il-Qorti osservat li, ghalkemm huwa minnu li l-arrest domiciljari kien inghata "semplicement" bhala "kundizzjoni tal-bail", jibqa' xorta wahda forma ta' arrest b'tali mod li jrid ikun gustifikat daqs li kieku l-persuna in kwistjoni ghadha qed tinzamm il-habs ta' Kordin jew f'xi post iehor dezinjat bhala "habs" skont il-ligi.

---

5 20 Frar 2009

26. Izda l-istess Qorti, diversament komposta, esprimiet ruhha f'termini differenti f'sentenza sussegwenti fil-kaz fl-ismijiet **Anthony Grech Sant v. Avukat Generali**.[6]

> 14. Fil-kaz in dizamina din il-Qorti tifhem li hemm raguni valida u oggettiva ghala jitnaqqas awtomatikament il-perjodu li dak li jkun ikun ghamel il-habs qabel is-sentenza izda mhux dak li huwa jkun ghamel id-dar bil-kundizzjoni li ma jistax johrog minnha (l-hekk imsejjah house arrest bhala kundizzjoni tal-bail) jew xi perjodu iehor li fih kien hemm restrizzjonijiet fuq il-hrug mid-dar: wiehed ma jista' qatt iqabbel il-house arrest ma' arrest fil-habs. Apparti li l-awtoritajiet qatt ma jistghu ikunu verament mija fil-mija certi li dak li jkun ikun ottempera ruhhu mal-kundizzjoni li ma johrogx minn daru jew li johrog limitatament skond il-kundizzjonijiet imposti, iz-zamma taht arrest preventiv fil-habs jew f'post meqjus skond il-ligi bhala habs timporta ferm aktar restrizzjonijiet milli qatt jista' jimporta l-housearrest. Ghalkemm sia fir-rikors promotorju kif ukoll fit-trattazzjoni quddiem din il-Qorti l-abbili difensur tal-appellant ipprova jpingi xenarju ta' "izolament" ghall-persuna li tkun taht house arrest, ghalkemm din tista' tavvera ruhha f'xi kazijiet partikolari (fil-kaz de quo ma giex pruvat li, bhala fatt, kien hemm dan l-izolament), persuna li tkun mizmuma f'darha hija libera li taghmel hafna affarijiet li persuna mizmuma l-habs ma tistax taghmel. Din il-Qorti ma tahsibx li hemm ghalfejn li wiehed jelabora aktar. Huwa proprju ghax l-arrest preventiv fil-habs jew f'post meqjus skond il-ligi bhala habs jimporta tant restrizzjonijiet, kemm f'termini kwantitattivi kif ukoll f'termini kwalitattivi, li ma jimportax il-house arrest li l-legislatur deherlu li jkun gust li tal-ewwel jigi awtomatikament dedott mill-piena ta' prigunerija li talvolta tikkommina l-Qorti, izda mhux tat-tieni. Huwa minnu li, kif qalet din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tal-20 ta' Frar 2009 fl-ismijiet *Demanuele v. Avukat Generali* ghall-finijiet tal-Artikolu 5 tal-Konvenzjoni il-house arrest bhala kundizzjoni tal-bail jibqa' forma ta' arrest (ghax hemm element ta' restrizzjoni fuq il-liberta` garantita bl-Artikolu 5(1)), u li ghalhekk jista' jigi ezaminat, kif gie ezaminat f'dik il-kawza, fil-kuntest tal-Artikolu 5(3); izda dan ma jfissirx li ma hemmx, kwalitattivament u kwantitattivament, differenzi enormi bejn l-arrest preventiv fil-habs u l-house arrest bhala kundizzjoni tal-bail."

---

6 8 Frar 2010

27. Issir ukoll referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla (Sede Kostituzzjonali) [7] fl-ismijiet **Darren Zammit v. Avukat Generali et** fejn il-Qorti ghamlet is-segwenti osservazzjonijiet applikabbli wkoll ghall-kaz odjern:

> "Jirrizulta li l-perjodu ta' tmien xhur li r-rikorrent qatta' konfinat gewwa daru kien 'house arrest' li hija liberta` provizorja bil-kundizzjoni li l-imputat ma johrogx 'il barra mid-dar. L-artikolu 5(3) tal-Konvenzjoni jipprovdi inter alia illi "Il-helsien (mill-arrest jew detenzjoni) jista' jkun taht kundizzjoni ta' garanziji biex jidher ghall-proceduri."
>
> "Mill-artikolu fuq ikkwotat jirrizulta li l-arrest jew detenzjoni ta' persuna qabel jigi processat fil-Qorti (pre-trial) ma jigix fi tmiemu biss meta jinstema' u jigi deciz il-kaz tieghu izda anke jekk jigi rilaxxat pendenti l-ipprocessar tieghu. Tali rilaxx jista', bhal fil-kaz odjern, jigi ukoll koncess b'mod ikkundizzjonat. Ghalhekk, huwa difficli li l-Qorti Ewropea tikkunsidra r-rilaxx 'on bail' bil-kundizzjoni li l-akkuzat jibqa' konfinat ghad-domicilju tieghu bhala arrest jew detenzjoni, ta' l-inqas meta jkun jidher li l-intenzjoni tal- Qorti fl-impozizzjoni ta' house arrest tkun li din tinghata bhala kundizzjoni ghal-liberta' provvizorja.
>
> L-istess rikorrent accetta l-house arrest bhala lqugh tat-talba ghal-liberta' provvizorja Fil-kaz prezenti jidher car illi l-house arrest gie akkordat lill-imputat rikorrent wara li hu kien ghamel talba ghal-liberta' provvizorja, u, in konsonanza man-natura u l-forma tat-talba imressqa, il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja ghaddiet biex fis-seduta tal-1 ta' Novembru 2003 torbot lill-imputat b'kundizzjonijiet li solitament jigu mposti kull meta tinghata l-liberta' provvizorja. Dawn jinkludu – apparti milli ma jhallix id-dar hlief biex imur il- Qorti meta mehtieg – ingunzjoni li ma jkellimx xhieda u li ma jbiddilx l-indirizz, kif ukoll li jaghmel tajjeb ghall-osservanza ta' dawn il-kundizzjonijiet permezz ta' garanzija personali.[8]

---

7 17 Frar 2010 – Mhux appellata

8 "*Fil-kaz Pekov, il-Qorti Ewropeja iddecidiet li z-zamma ta' l-applikant Pekov taht 'house arrest' fic-cirkostanzi partikolari konnessi ma' dak il-kaz ma kinitx sitwazzjoni ta' 'house arrest' in konnessjoni ma' liberta' provvizorja, bhalma nghata r-rikorrent odjern, izda kienet tekwivali ghal detenzjoni. Fil-fatt, a differenza mill-kaz odjern, Pekov ma kienx gie mqieghed taht house arrest bhala kundizzjoni sabiex jinghata l-liberta' provvizorja (bail) u ghalhekk dak li gie deciz f'Pekov ma japplikax hawnhekk.*"

28. Ferm il-premess, din il-Qorti hija tal-fehma illi huwa proprju dan l-element tal-ghoti tal-liberta` provvizorja fl-arrest domiciljari tal-attur illi jzommu milli jigi ekwiparat ma' detenzjoni jew arrest effettiv. Il-Qorti ezaminat ukoll id-digriet tal-Qorti Kriminali datat 7 ta' April 2006[9] li bih intlaqghet it-talba tal-attur ghal-liberta` provvizorja u konsegwentement inghata taht kundizzjonijiet li kienu jinkludu dak imsejjah l-arrest domiciljari, u hija tal-fehma illi l-elementi kollha ta' din il-kundizzjoni hija perfettament kompatibbli ma' kundizzjonijiet imposti wara li tinghata liberta` provvizorja u mhux ma' detenzjoni effettiva. Kif hawn fuq ikkwotat, arrest domiciljari huwa ben differenti mill-arrest gewwa l-habs, sia mill-aspett kwalitattiv, kemm dak kwantitattiv, kif ukoll mill-aspett psikologiku u ta' kumdita`. Ma jistax ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi, l-arrest domiciljari jigi ekwiparat ma' arrest effettiv, u ghalhekk din il-Qorti ma tikkondividix il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi l-attur gie doppjament penalizzat meta z-zmien li ghamel taht arrest domiciljari ma giex imnaqqas mill-piena inflitta fuqu.

29. Din il-Qorti pero` tosserva li, filwaqt li huwa minnu li fil-kaz **Mancini v. Italy** citat fis-sentenza appellata il-Qorti Ewropea kkonstatat li l-arrest tal-applikant kien jammonta ghall-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali tieghu protett bl-Artikolu 5[1][c] tal-Konvenzjoni, il-vjolazzjoni kienet dovuta ghall-

9 Fol 86

fatt li bejn id-data li fiha nghatat l-ordni li d-detenzjoni tieghu fil-habs tigi sostitwita bl-arrest domiciljari u l-ezekuzzjoni ta' tali ordni ghadda perjodu ingustifakabbli ta' tlett ijiem.[10] Fil-kaz tallum l-ewwel Qorti ma sabitx ksur ta' dan l-artikolu konvenzjonali. Di fatti fl-ebda parti tad-decide m'hu indikat dak l-artikolu. Ghaldaqstant il-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-Qorti Ewropea f'dak il-kaz ma jistghux jigu ekwiparati ma' dak deciz fis-sentenza appellata li, fir-rigward, sabet ksur biss tal-Artikolu 7 tal-Konvenzjoni.

30. Barra minn hekk, il-Qorti Kriminali kellha diskrezzjoni jekk tikkonsidrax dan il-perjodu fil-*quantum* tal-piena u din id-deskrizzjoni giet ezercitata fis-sens li, fi kliem l-ewwel Qorti, il-Qorti Kriminali *"enfasizzat il-perjodu ta' prigunerija hemm impost kellu jinkludi biss il-perjodu tal-kustodja preventiva li r-rikorrent kien ghadda fil-Facilita` Korrettiva ta' Kordin."*[11] Dan ifisser li dik il-Qorti, mhux "baqghet siekta u ssorvolat il-perjodu ta' detenzjoni domiciljari" izda ddecidiet li f'dak il-kaz ma ttiehdux in konsiderazzjoni fil-*quantum* tal-piena.

---

10 Appl.44955/98 – Deciza 2 Awissu 2001

11 Sent. Pga. 29 – Il-Qorti Kriminali fis-sentenza taghha fil-fatt ghamlitha cara li l-perijodu li kellu jitnaqqas mill-piena kien *"all periods during which he was held in preventive custody in Corradino Correctional Facility"* Barra minn hekk mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali jirrizulta li ma sar ebda aggravju rigwardanti it-tnaqqis tal-perijodu tal-arrest domiciljari mill-piena imposta mill-Qorti Kriminali [ara Sent. Pga.5]

31. Ghadaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*L-Ewwel Aggravju tal-Attur [retroattivita` tal-piena]*

32. Permezz ta' dan l-aggravju, l-attur jilmenta mill-fatt illi l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi rigward il-lanjanza tar-retroattivita` rigwardanti l-piena, meta ma sabitx li l-applikazzjoni tal-Artikolu 639(3) tal-Kap. 9 ghall-kaz tieghu, illedilu d-drittijiet tieghu sanciti bl-Artikolu 39 (8) ta' Kostituzzjoni u l-Artikoli 6 u 7 tal-Konvenzjoni Ewropea.

33. L-Artikolu mertu ta' dan l-aggravju, li huwa l-Artikolu 639(3) tal-Kap. 9 jipprovdi illi:

> "(3) Meta l-uniku xhud kontra l-akkużat dwar xi reat fi process li jinstema' quddiem il-ġurati tkun persuna komplici, il-Qorti ghandha taghti direttiva lill-ġurati biex jiżnu x-xiehda li dak ix-xhud jaghti b'kawtela qabel ma jserrhu fuqha u jaslu biex isibu hati lill-akkużat."

34. Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju jirrezenta l-fieragh. Kif gustament osservat mill-ewwel Qorti l-artikolu premess huwa rrelevanti ghall-fattispecie tal-kaz tal-attur, stante li l-akkuzi huma bazati fuq reati kontemplati mill-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, li jikkostitwixxi ligi specjali, fejn fl-Artikolu 30 il-ligi li kien vigenti fiz-zmien tal-kommissjoni tar-reati, filwaqt li teskludi kull dispozizzjoni ohra, u allura anki l-Artikolu 639[3]

tal-Kodici Civili, tghid espressament li:

> "30.Minkejja d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 639(3) tal-Kodici Kriminali meta persuna tkun xtrat jew xort'ohra kisbet jew akkwistat medicina bi ksur tad-disposizzjonijiet ta' din l-Ordinanza, ix-xiehda ta' dik il-persuna fi procedimenti kontra l-persuna li minghandha tkun xtrat, kisbet jew akkwistat il-medicina, m'ghandhiex ghalfejn tkun korroborata b'cirkostanzi ohra."

35. Mid-dispozizzjoni citata jirrizulta manifest li dak li qed jilmenta minnu l-attur fir-rigward tal-emenda li saret fl-Artikolu 639[3] tal-Kodici Civili kien diga` jezisti bis-sahha tal-Artikolu 30 tal-Kap. 101 u ghalhekk huwa ma 'tilef ebda dritt' li skont hu kellu qabel l-emenda ghax l-artikolu emendat kien inapplikabbli ghalih.

36. Ghaldaqstant dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tieni Aggravju tal-Attur [limitazzjoni funzjoni tal-Qorti tal-Appell]*

37. Permezz ta' dan l-aggravju, l-attur jilmenta mill-fatt illi partikolarment in kwantu l-ordinament guridiku Malti ma ghandux it-tielet grad ta' revizjoni, il-fatt li l-qrati tal-appell jillimitaw il-funzjoni taghhom stess ghal wahda ta' *review*, iwassal ghal nuqqas ta' smiegh xieraq bi ksur tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.

38. In materja tal-isfera ta' protezzjoni li joffri l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea jinghad is-segwenti:

> "Article 6 does not provide a right of appeal. This right is provided for in criminal cases in Article 2 of Protocol No. 7 to the Convention. Even if Article 6 does not provide for a right of appeal, the Court has stated that when a State does provide in its domestic law for a right of appeal, these proceedings are covered by the guarantees in Article 6.[12]
>
> "The way in which the guarantees apply must, however, depend on the special features of such proceedings. Account must be taken of the entirety of the proceedings conducted in the domestic legal order, the functions in law and practice of the appellate body, and the powers and the manner in which the interests of the parties are presented and protected.[13] Therefore, there is no right under Article 6 to any particular kind of appeal or manner of dealing with appeals."[14]

39. Jirrizulta car ghalhekk illi la l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u lanqas l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ma jaghtu ebda dritt awtomatiku ta' appell, u, sakemm il-garanziji ta' smigh xieraq imposti minnhom jigu rispettati, lanqas ma jincidu fuq il-mod kif l-appell jigi stradat.

40. Din il-Qorti tirrileva illi ma ngabet ebda prova li turi li l-Qorti tal-Appell Kriminali naqset milli tirrispetta l-garanziji hemmhekk imposti. Ghal

12 Delcourt v. Belgium, 17 January 1970, para. 25

13 Monnell and Morris v. the United Kingdom, 2 March 1987, para. 56

14 **The Right to a Fair Trial, A guide to the implementation of Article 6 of the European Convention on Human Rights**, Nuala Mole and Catharina Harby, Council of Europe 2001, 2006

kuntrarju, harsa lejn id-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali[15] tindika illi dik il-Qorti segwiet id-dettami kollha ta' smigh xieraq u gustizzja naturali, u investigat l-aggravji kollha mressqa mill-attur u mmotivat tajjeb il-konkluzjonijiet taghha.

41. Ghaldaqstant din il-Qorti tosserva li dan l-aggravju mhuwiex gustifikat u qed jigi michud.

*It-Tielet Aggravju tal-Konvenut u t-Tielet Aggravju tal-Attur –[ rimedju]*

42. L-aggravju tal-konvenut huwa fis-sens li jekk, minkejja z-zewg aggravji precedenti tal-konvenut, din il-Qorti jidhrilha li hemm ksur tad-dritt fundamentali tall-attur, allura dikjarazzjoni wahedha ta' sejba ta' vjolazzjoni ghandha tkun rimedju adegwat.

43. Min-naha tieghu l-attur jghid li r-rimedju moghti mill-ewwel Qorti mhuwiex adegwat ghal-lezjoni subita u li hu kellu jinghata rimedju *"iktar opportun u idoneu fic-cirkotanzi"* tenut kont tal-fatt li l-lezjonijiet *"ikkundizzjonaw u kkontaminaw il-proceduri kriminali fil-konfront [tieghu], izda sahansitra wasslu biex kienu fattur importanti sabiex tinstab htija [fil-konfront tieghu]"*.

15 Fol 114

44. Din il-Qorti tosserva li, tenut kont tal-konkluzjonijiet raggunti minn din il-Qorti dwar l-ewwel u t-tieni aggravju tal-Avukat Generali, ma hemmx aktar il-htiega li tindirizza l-aggravji tal-partijiet dwar ir-rimedji attribwiti mill-ewwel Qorti, ghax in kwantu din il-Qorti ma rravizat ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-attur, ebda rimedju ma hu dovut.

45. Ghaldaqstant ma tqisx l-aggravju tal-attur bhala gustifikat u tichdu, filwaqt li dwar it-tielet aggravju tal-konvenut, tenut kont ta' dak deciz dwar iz-zewg aggravji precedenti tal-konvenut, ma hemmx aktar htiega li din il-Qorti tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

*Ir-Raba' Aggravju tal-Attur*

46. Il-meritu tar-raba' aggravju tal-attur – dwar l-arrest domiciljari-jintlaqat bil-konsiderazzjonijiet relativi għat-tieni aggravju tal-Avukat Ġenerali, u għalhekk ma huwiex mehtieg li l-qorti tqis aktar dan l-aggravju

*Ir-Raba' Aggravju tal-Avukat Generali*

47. F'dan l-aggravju l-konvenut jikkontendi illi l-ispejjez taz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati mill-attur.

48. Illi in vista tal-konkluzjonijiet raggunti permezz ta' dan il-gudikat, din il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju, billi tordna li l-ispejjez kollha, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, ihallashom l-attur.

Decide

Ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appelli tal-partijiet billi, filwaqt li tichad l-appell tal-attur, tilqa' l-appell tal-konvenut Avukat Generali u tirriforma s-sentenza appellata, billi tiddikjara illi l-attur ma garrab ebda lezjoni tad-drittijiet fundamentali tieghu, u ghalhekk ebda rimedju ma huwa dovut lilu.

L-ispejjez tal-ewwel istanza u tal-appell ikunu a karigu tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Agent President | Tonio Mallia<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
df